**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2015/2205(DEC)**

26.1.2016

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014: prestazzjoni, ġestjoni finanzjarja u kontroll
(2015/2205(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: David Casa

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota l-pubblikazzjoni simultanja ta' pjanijiet direzzjonali li jagħtu bidu għar-reviżjoni tar-regolamenti li jistabbilixxu t-tliet aġenziji tripartitiċi tal-Unjoni, is-CEDEFOP, l-EU-OSHA u l-Eurofound; jenfasizza li r-reviżjonijiet għandhom jippreservaw ir-rwoli ewlenin ta' dawn l-aġenziji ta' fama tajba ħafna u n-natura tripartitika tagħhom, filwaqt li jiżguraw il-parteċipazzjoni attiva tal-awtoritajiet nazzjonali, it-trejdjunjins u r-rappreżentanti tal-impjegaturi fil-governanza u l-funzjonament tagħhom;

2. Itenni li d-diskussjoni dwar l-abbozz tal-programmi ta' ħidma annwali u dwar l-istrateġiji pluriennali tal-aġenziji fil-kumitati responsabbli tgħin biex jiġi żgurat li l-programmi u l-istrateġiji jirriflettu l-prijoritajiet politiċi reali iżda jenfasizza l-ħtieġa li ċ-ċiklu baġitarju tal-UE jiġi allinjat mal-Istrateġija UE 2020 bil-għan li jkun hemm sorveljanza sħiħa u rappurtar komprensiv dwar il-prestazzjoni ta' kull aġenzija fil-kuntest tal-kontribuzzjoni tagħhom biex jintlaħqu l-objettivi UE 2020;

3. Jirrikonoxxi li ġie implimentat tnaqqis fir-reklutaġġ b'diffikultà kbira u jopponi t-tnaqqis ulterjuri li jista' jillimita l-abbiltà tal-aġenziji li jwettqu l-mandati tagħhom;

4. Jirrikonoxxi l-prattika tajba ta' kollaborazzjoni fost l-aġenziji, fl-oqsma tal-kondizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien, it-taħriġ vokazzjonali u s-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol, li timmasimizza s-sinerġiji u l-kooperazzjoni u ssaħħaħ il-komplementarjetà; jilqa' u jħeġġeġ ukoll it-tkomplija tal-iskambju ta' prattiki tajba bejn il-Kummissjoni u l-aġenziji; jenfasizza madankollu li jistgħu jinstabu aktar sinerġiji bl-għan li tkun żgurata l-kosteffiċjenza;

5. Japprezza l-isforzi u l-progress imwettqa mill-Kummissjoni u l-aġenziji fl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali; iqis li dan se jiżgura governanza aktar ibbilanċjata, effiċjenza u responsabbiltà mtejba u aktar koerenza.

6. Jilqa' f'dan ir-rigward il-linji gwida maħruġa mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-aġenziji dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni bil-għan li jivvalutaw ir-riżultati miksuba mid-diretturi eżekuttivi tal-aġenziji u l-linji gwida żviluppati mill-Kummissjoni għall-adozzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-aġenziji relatati mar-reklutaġġ ta' persunal tal-karrieri; jistenna li dawn se jipprovdu aktar simplifikazzjoni b'rabta mal-iffrankar ta' ħin u riżorsi;

7. Jiġbed l-attenzjoni fil-prinċipju dwar l-importanza tal-aspetti soċjali tal-ftehim dwar il-kwartieri ġenerali tal-Aġenziji mal-pajjiż ospitanti tagħhom, bħall-garanzija tal-kondizzjonijiet soċjali u tal-għajxien (miżati skolastiċi, kwistjonijiet dwar status, eċċ.); iħeġġeġ, għalhekk, lill-Istati Membri ospitanti li għadhom ma ffirmawx tali ftehim biex jagħmlu dan malajr kemm jista' jkun.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
## FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 25.1.2016 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 27<br>–: 8<br>0: 7 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Agea, Guillaume Balas, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Ole Christensen, Jane Collins, Lampros Fountoulis, Arne Gericke, Thomas Händel, Marian Harkin, Czesław Hoc, Rina Ronja Kari, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Kostadinka Kuneva, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Joëlle Mélin, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Claude Rolin, Sven Schulze, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Maria Arena, Amjad Bashir, Lynn Boylan, Miapetra Kumpula-Natri, Paloma López Bermejo, Edouard Martin, Evelyn Regner, Michaela Šojdrová |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Eleonora Evi, Anneli Jäätteenmäki |